MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2008

Numru 1372/2002

**Direttur tad-Dipartiment Tal-Manifattura u Servizzi.**

**-vs-**

**Tonio Caruana; u b'digriet tal-11 ta' Ġunju, 2003 is-soċjeta' Middle Sea Insurance plc ġiet awtorizzata tintervjeni fil-kawża *in statu et terminis*.**

**Il-Qorti;**

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fit-3 ta' Diċembru, 2002 li permezz tagħha l-attur ippremetta:

Illi fit-2 ta' Marzu, 2001 għal xi d-disgħa ta' filgħodu (9.00a.m.), waqt illi George Camilleri, impjegat ta' l-attur, kien qed isuq vettura proprjeta' ta' l-istess attur, ta' l-għamla *heavy goods vehicle* tal-marka Fiat 300PC bin-numru ta' reġistrazzjoni GVH 503, u dan fi Triq l-

Avjazzjoni, Gudja, il-konvenut Caruana li kien qed isuq vettura ta' l-għamla *heavy goods vehicle* tal-marka Astra Tipper bin-numru ta' reġistrazzjoni LAE 563 baqa' ħiereġ għal fuq it-triq prinċipali, li hija Triq l-Avjazzjoni, Gudja u b'konsegwenza ta' hekk seħħ l-inċident.

Illi għall-inċident u konsegwenzjali danni kien jaħti unikament il-konvenut minħabba imprudenza, imperizja, negliġenza u *non* osservanza tar-regolamenti tat-traffiku meta l-konvenut Caruana baqa' ħiereġ mis-*Service Road* b'konsegwenza li baqa' dieħel fuq is-sewwieq tal-vettura ta' l-attur li mal-ħabta tilef il-kontroll tal-vettura tiegħu u baqa' dieħel ġo n-*netting* u *boundary wall* proprjeta' tal-Malta International Airport.

Illi bħala konsegwenza ta' dan l-inċident, il-vettura ta' l-attur ġarrbet ħsarat estensivi tali li ġiet dikjarata '*beyond economical repair*'.

Illi l-konvenut, interpellat biex jagħmel tajjeb għad-danni subiti mill-attur, baqa' inadempjenti.

Jgħid il-konvenut għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li l-inċident awtomobilistiku tat-2 ta' Marzu, 2001 seħħ unikament tort tal-konvenut;

2. Tiddikjara li a kawża ta' dan l-inċident l-attur sofra danni konsiderevoli;

3. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur *occorrendo* bl-opera ta' periti nominandi;

4. Tikkundanna l-konvenut biex iħallas id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjeż inkluż dawk ta' l-ittra uffiċċjali tat-30 ta' Lulju, 2001 kontra l-konvenut illi huwa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur Direttur tad-Dipartiment tal-Manifattura u Servizzi maħlufa minn Vincent Magri, numru tal-karta ta’ l-identita’ 348151(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat naqas li jippreżenta nota ta’ l-eċċezzjonijiet u għalhekk huwa kontumaċi skond il-liġi.

Rat ir-rikors tas-soċjeta’ Middle Sea Insurance plc, ippreżentat fl-10 ta’ Marzu, 2003, li permezz tiegħu talbet li tintervjeni fil-kawża, u rat id-digriet tal-Qorti li laqgħet din it-talba.

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet ta’ l-istess soċjeta’ intervenuta fil-kawża, ippreżentata fis-27 ta’ Ġunju, 2003, li permezz tagħha eċċepixxa bir-rispett:

1. Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu riġettati bl-ispejjeż u dan *stante* li l-inċident ma seħħx bħala riżultat ta’ l-imprudenza, imperizja u negliġenza u *non* osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut Tonio Caruana, iżda seħħ unikament bħala riżultat ta’ l-imprudenza, imperizja, negliġenza u *non* osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tas-sewwieq tal-vettura GVH 503, u *cioe’* George Camilleri.

2. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tas-soċjeta’ intervenuta fil-kawża maħlufa minn Richard Vella, numru tal-karta’ ta’ l-identita’ 523359(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta’ Ottubru, 2008 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza għas-seduta tal-lum wara li semgħet lill-avukati jitrattaw.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur esebixxa affidavits tas-sewwieq tat-*truck* George Camilleri *a fol*. 28 li fih spjega kif ġara l-inċident. Dan qal li kien qiegħed iġorr xi terrapien mid-direzzjoni tal-Gudja lejn Ħal-Far fi Triq l-Avjazzjoni. Kien qiegħed isuq fuq il-karreġġjata tiegħu meta f'daqqa waħda ħass daqqa kbira fuq il-pilastru fuq in-naħa tiegħu. Ra daħna u storda. Ma ra lil ħadd juri t-triq lis-sewwieq l-ieħor li ħareġ min-naħa ta' Ħas-Saptan (skond ir-rapport tal-pulizja *a fol*. 32). Ir-rapport imsemmi li l-konvenut qal lill-uffiċċjal tal-pulizija li nvestiga l-ħabta li huwa kien qed isegwi d-direzzjoni ta' wieħed minn sħabu biex joħroġ u kien f'nofs tat-triq wieqaf meta l-attur baqa' dieħel ġo fih. Jirriżulta wkoll li bid-daqqa l-attur tilef il-kontroll tal-vettura u spiċċa 'l bogħod sew u bit-*truck* imdawwar. Rapport uffiċċjali u skizz ġew esebiti mis-surġent li nvestiga l-inċident *a fol*. 71. In suċċint is-surġent kiteb illi: "*Vehicle no. GVH 503 was proceeding along Triq l-Avjazzjoni and when he came near the place of the accident truck no. LAE 563 emerged from the service road which is under construction, towards Ħas-Saptan and in so doing the collision occurred. As the collision happened the driver of truck no. GVH 503 lost control of the truck. The truck in turn continued on its way, crossed the service road, hit the airport security netting and boundary wall, made a u-turn in the airport grounds and finished again in the security netting where it finally stopped.*"

Kif *gia'* ntqal, il-konvenut qal li kellu kollega tiegħu biex jindikalu setax joħroġ u biex iwaqqaf it-traffiku ħalli jħallih joħroġ. Dan il-persuna pero' ma setax jiġi notifikat biex jitla' jixhed *nonostante* d-diversi tentattivi tal-partijiet.

Illi fir-rigward tar-responsabbilita' ta' l-inċident in kwistjoni l-Qorti ma għandhiex dubju li din għandha tiġi addossata fuq il-konvenut.

Kif intqal fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet <u>Maria Vella Galea vs Oreste Sammut</u> (5 ta' Ottubru, 1998):

"*When coming from a side road into a main road, the driver or rider on vehicle should select such a moment as*

*will allow him to enter the main road with safety. The Highway Code provides: 'Give way to traffic on the major road. At uncontrolled crossings, unless you have a clear view of the major road in both directions, stop before entering the major road. If there is a sign requiring traffic to halt or go slowly before entering a main road from a side road it is an offence to disobey the sign an evidence of negligence on the part of the driver.*" (The Law of Negligence, Charlesworth, 2nd Edition – paġni 82 *et seq*)

Għandu jingħad illi f'dan il-każ ma kienx hemm sinjali biex jindikaw lill-konvenut li kellu jagħti d-dritta iżda huwa ċar li huwa kien ser jaqbad triq prinċipali u li t-triq li kien ħiereġ minnha kienet waħda sekondarja. F'sentenza oħra mogħtija fl-istess ġurnata l-Qorti ta' l-Appell qalet hekk:

"*Is-sewwieq li jkun dieħel minn side road għal go main road għandu ċerti doveri x'josserva fosthom dak li jċedi għat-traffiku fuq il-main road li jesplora tajjeb il-main road qabel ma joħroġ fiha u dak li jmexxi 'dead slow' u saħansitra jwaqqaf biex u sakemm jaċċerta ruħu li jista' joħroġ bla ħsara (Vol. XXXVII-pt. IV paġna 1357). Imma jekk il-provi juru li l-kawża prossima ta' l-inċident kienet unikament in-negliġenza tas-side road user li bl-għemil tiegħu rrenda l-kolliżjoni inevitabbli l-main road user ma għandu ebda tort fil-kolliżjoni avolja hu kien isuq il-karozza fuq il-crown tat-triq minflok fuq ix-xellug kif jippreskrivu r-regolamenti.*" (Hugh Zammit nomine vs William Drago – 5 ta' Ottubru, 1998).

Id-difiża prinċipali tal-konvenut f'din il-kawża kienet li l-attur kien għaddej b'veloċita' eċċessiva. Madankollu kif osservat il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Marzu, 1993 fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Anna Stanley vs Alan Zahra filwaqt li dan seta' rrenda lis-sewwieq in kwistjoni passibbli ta' azzjoni kriminali, *in civilibus* dak li jgħodd huwa min kien il-kawża prossima ta' l-inċident u ċertament dan kien il-konvenut li ħareġ minn triq laterali meta ma kienx *safe* li jagħmel dan. Dan anke jekk kellu *min jaralu* għaliex ir-responsabbilta' tas-sewqan tal-vettura kienet tiegħu – *semmai* jekk dik il-persuna kienet negliġenti fil-mod kif indikatlu li seta' joħroġ huwa seta' kellu dritt ta' azzjoni fil-

konfront tiegħu. *Oltre* dan anke jekk kif jgħid hu huwa kien wieqaf meta l-vetturi ħabtu, xorta waħda kien hu li kien ta' ostakolu biex l-attur seta' jibqa' għaddej fi triqtu.

DANNI

Fir-rigward tad-danni ma hemmx wisq diffikulta' għaliex jidher ċar mid-dokumenti esebiti mill-attur illi l-ispejjeż li kienu nvoluti fit-tiswija tat-*truck* (ċirka sitt elef u tmien mitt Lira Maltin [Lm6,800]– Dok. 'AA1' *a fol*. 26) kienu jeċċedu sewwa l-valur ta' l-istess *truck* li kien qadim u użat sew. Skond dokumenti ('KG15' *a fol*. 50) li rċevew mingħand id-ditta li mmanifatturat it-*truck* il-valur tiegħu kien ta' tlett elef u ħames mitt Euro (€3,500) fil-kondizzjoni li kien qabel l-inċident u allura huwa ċar li dan huwa l-ammont li għandu jitħallas lill-attur.

DEĊIZJONI

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' intervenuta u fil-kontumaċja tal-konvenut tilqa' t-talbiet attriċi u tikkundanna lill-istess konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' tlett elef u ħames mitt Euro (€3,500), bl-ispejjeż kollha a kariku tal-konvenut ħlief dawk tas-soċjeta' intervenuta li għandha tħallas l-ispejjeż tagħha stess.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------